**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Jannar, 2025

Rikors Ġuramentat: 154/2023AL

**A B**

**vs.**

**Dr Brandon Kirk Muscat u l-PL Nicolette Aquilina appuntati b'digriet tal-11 ta' Awwissu 2023 bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti C D E F D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi datat 27 ta' Ġunju 2023 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet kif ġej:

[1] Fol. 1.

*1. Illi l-esponenti izzewget lil intimat fl-14 ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija, hamsa u disghin (1995), certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dokument 'A';*

*2. Illi C D E F D B huwa assenti minn Malta; l-esponenti m'ghandhiex hjiel fejn jghix l-intimat;*

*3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;*

*4. Illi z-zwieg tal-konjugi tfarrak irrimedjabbilment minhabba ragunijiet li skond il-ligi jaghtu lok ghas-separazzjoni personali, minhabba tortijiet imputabbli lil intimat, kif ser jigi ippruvat ahjar fil-mori tal-kawza;*

*5. Illi l-esponenti giet debitament awtorizzata biex tipprocedi bl-istanti permezz ta' digriet moghti minn din il-wisq Onorabbli Qorti, digriet tal-awtorizzazzjoni anness u mmarkat Dokument 'B';*

*Jghid ghalhekk il-konvenut l-ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja u okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuni u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:*

*1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat u tawtorizza l-attrici sabiex tghix separatament minn mal-konvenut;*

*2. Tiffissa manteniment ghall-esponenti skond l-bzonnijiet taghha; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja;*

*3. Tordna li kwalsiasi manteniment li ser jigi likwidat minn din l-Onorabbli Qorti ghandu jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol li huwa għandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;*

*4. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici;*

*5. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-attrici;*

*6. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita` data minn meta l-konvenut jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponenti, u dan kollu okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi u bin-nomina ta' nutar sabiex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

*7. Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha li ser jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti ta' l-istess esponenti qabel iz-zwieg, u dan fi zmien qasir u perentorju, li għandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundannah jhallas lill-esponenti dik is-somma li għandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni parafernali sudetti;*

*8. Tiddividi l-gid iehor komuni tal-kontendenti mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti;*

*9. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjomha ta' xebba, u cioe 'C';*

*10. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;*

*11. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat bejn il-partijiet fil-nhar l-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija, hamsa u disghin (1995);*

*12. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-*

*separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku;*

*13. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attriċi;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 104/1995;[2]

Rat kopja tad-digriet tal-5 ta' Ġunju 2023[3] li bih il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-attriċi tipproċedi b'rikors ġuramentat skond l-Artikolu 930 tal-Kap 12;

Rat id-digriet tal-11 ta' Awwissu 2023[4] li bih il-Qorti, fuq talba tal-attriċi nnominat lill-Avukat Dr Brandon Kirk Muscat u lill-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-konvenut assenti;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati tad-19 ta' Ottubru 2023[5] li fiha jesponu li ma humiex edotti mill-fatti tal-każ;

Rat il-lista ta' xhieda tal-Kuraturi Deputati;

Rat il-verbal tal-25 ta' Ottubru 2023,[6] f'liema seduta l-Qorti appuntat lill-Dr Marita Pace Dimech bħala Assistent Ġudizzjarju f'din il-kawża sabiex tisma' l-provi;

Rat id-dokumenti kollha u l-provi mressqa mill-attriċi;

---

[2] Fol. 6.
[3] Fol. 9.
[4] Fol. 10.
[5] Fol. 30.
[6] Fol. 33.

Rat in-nota ta' l-attriċi tas-6 ta' Awwissu 2024;[7]

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza[8];

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

## 1. L-azzjoni odjerna

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minħabba raġunijiet imputabbli lill-konvenut u tawtorizzaha tgħix separatament minn żewġha. Hija titlob ukoll lill-Qorti tiffissa manteniment għall-bżonnijiet tagħha u tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob manteniment mingħandha. Titlob ukoll li kontra l-konvenut jiġu applikati l-effetti tal-artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 u titlob lill-Qorti sabiex ixxolji, tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom. Titlob ukoll sabiex din il-Qorti tippronunzja il-ħall taż-żwieġ.

Il-Kuraturi Deputati appuntati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut assenti ddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti tal-każ.

## 2. Is-Separazzjoni Personali, il-Ħall taż-Żwieġ u r-Responsabbilità għat-Tifrik taż-Żwieġ

*Il-verżjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut*

L-attriċi tixhed permezz ta' affidavit ippreżentat fit-3 ta' Novembru 2023[9] fejn hija tgħid li żżewġet lill-konvenut C D E F D B ta' nazzjonalità Eġizzjana fl-14 ta' Jannar 1995 u minn dan iż-żwieġ ma twildux tfal.

Tgħid li l-konvenut kien ħabib ta' ħuha u bdew joħorġu flimkien wara li ltaqgħu f'bar. Tgħid li żżewġu l-Eġittu wara sentejn għerusija mbagħad irreġistraw iż-żwieġ tagħhom hawn Malta. Tgħid li huma kienu jgħixu ma' ħuha u darba, ftit xhur wara li żżewġu, qabditu ma' mara oħra d-dar fejn

[7] Fol. 107.
[8] Verbal tat-3 ta' Lulju 2024 a. fol. 106.
[9] Fol. 34.

kienu joqgħodu u keċċietu mid-dar, u minn dakinhar ma semgħet xejn b'aħbaru. Tgħid li din kienet sorpriża għaliha għaliex qatt ma kien taha x'tifhem li kien qed jagħmel xi ħaġa minn warajha.

Tgħid li ilha ma tarah ħamsa u għoxrin sena u bejniethom ma kellhomx assi.

*Il-Prinċipji Legali u l-Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern*

Il-Liġi tagħna tistipola li l-firda personali ma tistax issir ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet miġjuba fl-Artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap 16 li jistipulaw kif ġej, illi:

*"Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-**adulterju** tal-parti l-oħra."* u

*Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba **eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi** tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

L-Artikolu 41 tal-Kap 16 imbagħad jgħid kif ġej:

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun **abbandunata** mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."*

L-attriċi tixhed illi ż-żwieġ tkisser wara li sabet lill-konvenut ma' mara oħra u keċċietu mid-dar.

Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ngħad fis-sentenza **Rose Gauci vs Salvatore Gauci**[10] li in vista tad-diffikultà tal-prova ta' l-adulterju, l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizzji u ċirkostanzi oħra li ma jħallu ebda dubju fil-gudikant. Fil-fatt ingħad li:- *"… l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-*

[10] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Ottubru 2002 (Ċit. Nru. 1365/1997RCP).

*Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet "Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe". (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".*

*__Il-Ħall taż-Żwieġ__*

L-Artikolu 66A(1) tal-Kap 16 jistipula illi:

"*Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza*".

Ir-rekwiżiti għad-divorzju jinsabu elenkati f'Artikolu 66B.

Fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, *"il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju, flimkien ma l-istess talba, tista' tressaq it-talbiet kollha illi huma maħsuba illi jistgħu jsiru f'kawża ta' separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu. Il-qorti għandha tisma' u tiddisponi minn dawn it-talbiet kif maħsub fid-dispożizzjonijiet imsemmija mutatis mutandis. Il-parti l-oħra tista' tressaq b'żieda għall-eċċezzjonijiet imsemmija fl-aħħar subartikolu, l-eċċezzjonijiet kollha illi dik il-parti setgħet tressaq f'kawża ta' separazzjoni*".[11]

F'tali sitwazzjoni, il-liġi teżiġi f'Artikolu 66G u 66H, illi l-avukati tal-partijiet jaqdu numru ta' dmirijiet hemm elenkati.

Il-liġi, mbagħad f'Artikolu 66F tal-istess Kap 16, taħseb ukoll għal dawk l-istanzi fejn:

[11] Artikolu 66D(3) tal-Kap 16.

*"(1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti. Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.*

*(2) Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma' kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw mutatis mutandis għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju.*

*(3) Fejn l-ebda parti ma tagħżel li tipproċedi skont kif provdut fis-subartikolu (1) u fejn tkun diġà saret talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, u mill-inqas wieħed mill-partijiet, wara li tkun saret dik it-talba, jagħmel talba għad-divorzju, it-talbiet għas-separazzjoni u għad-divorzju, f'kull każ, għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien mill-istess qorti, b'dana illi l-konnessjoni tal-kawżi għandha tiġi applikata mill-qorti mingħajr ħtieġa li ssir ebda talba mill-partijiet.*

*(4) Kull parti, meta tagħmel talba għad-divorzju, għandha tiddikjara bil-ġurament tagħha jekk dik il-parti jew il-parti l-oħra jkunux diġà għamlu talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu."*

Fi kwalunkwe każ, l-effetti tad-divorzju huma differenti minn dawk ta' separazzjoni, hekk kif *"meta l-qorti ċivili kompetenti tippronunzja d-divorzju bejn il-miżżewġin, huma jkollhom id-dritt li jerġgħu jiżżewġu*".[12]

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern*

[12] Artikolu 66L tal-Kap 16.

L-unika prova li għandha quddiema l-Qorti f'din il-kawża hija l-affidavit fil-qosor tal-attriċi fejn tgħid bil-ġurament illi l-konvenut telaq mid-dar wara li keċċietu hi stess minħabba li sabitu ma' mara oħra ġewwa darha stess.

Għalkemm kif jirriżulta mill-ġurisprudenza nostrana l-prova tal-adulterju trid tkun waħda sostanzjata minn livell ta' provi li f'din il-kawża huma nieqsa, madanakollu l-Qorti fiċ-ċirkostanzi ta' kif ġara l-każ skont ix-xhieda tal-attriċi, fejn il-konvenut jidher li telaq mil-ewwel wara li l-attriċi allegatament sabitu ma' mara oħra tifhem li l-attriċi ma tantx setgħet iġġib provi ta' dan il-fatt. Il-fatt li kienu ilhom sentejn joħorġu flimkien imbagħad wara ftit xhur li żżewġu hija ħasset il-bżonn li tkeċċieh mid-dar u hu minn naħa tiegħu telaq u ma rritornax huma prova ċirkostanzjali u jikkonvinċu l-Qorti li dak li qed tgħid l-attriċi, u li ma hux kontradett mill-konvenut, għandu mis-sewwa.

Għalkemm huwa mbagħad telaq mid-dar u għalhekk iż-żwieġ żgur ma setax jirnexxi, il-Qorti tħoss li l-kawża prossima għat-tkissir taż-żwieġ kien l-adulterju li ġie bħala sorpriża għall-attriċi li qatt qabel ma kellha ħjiel li qed jiġri dan minn wara darha.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti tħoss li l-ewwel talba attriċi għandha tiġi milqugħa u tiddikjara li hemm lok li tiġi pronunzjata s-separazzjoni bejn il-partijiet għar-raġunijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f'adulterju, b'dan li kawża ta' l-istess aġir irresponsabbli tal-konvenut, il-hajja matrimonjali ta' bejniethom ma għadhiex aktar possibbli u ż-żwieġ tkisser irremedjabbilment.

3. **Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 fil-Konfront tal-Konvenut:**

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, *ai termini* tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, *stante* li l-konvenut huwa ħati għat-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet minħabba adulterju li jeżiġi l-imposizzjoni mandatorja tas-sanzjonijiet tassattivi tal-liġi għall-ħtija hekk gravi, il-Qorti tapplika s-sanzjonijiet elenkati fl-Artikolu 48 tal-Kap 16 inkluż id-dekadenza mid-dritt li jitlob manteniment mingħand martu u t-telf tad-dritt li jiret lill-attriċi, kif talbet hi.

## 4. Is-Separazzjoni Personali u/jew il-Ħall taż-żwieġ

Fir-rikors promotur l-attriċi tressaq talba għas-separazzjoni personali u talba għall-ħall taż-żwieġ. Dawn iż-żewġ talbiet għalhekk f'din il-kawża qed isiru simultanjament.

Fil-kawża fl-ismijiet **AB vs Dr Benjamin Valenzia *noe***[13] din il-Qorti f'xenarju prattikament identiku għal dan spjegat illi *"Minn qari tal-liġi jidher ċar illi hemm distinzjoni netta bejn is-separazzjoni personali u l-ħall taż-żwieġ – dan anke' għaliex il-proċedura li għandha tiġi segwita u kif ukoll l-effetti konsegwenzjali huma differenti minn xulxin. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ma huwiex possibbli illi l-persuna li tkun intavolat azzjoni għall-firda personali titlob ukoll b'mod simultaneju l-ħall taż-żwieġ, mingħajr ma tiġi ċeduta l-ewwel talba jew tal-inqas ikun hemm il-konverżjoni tal-istess. Il-liġi tagħmilha ċara illi r-rimedji li għandhom il-miżżewġin huma s-segwenti: (i) is-separazzjoni personali bonarja jew inkella permezz ta' sentenza tal-Qorti, (ii) is-separazzjoni personali kemm bonarja jew permezz ta' sentenza tal-Qorti, segwita minn divorzju, (iii) divorzju mingħajr ma qabel il-partijiet ikkunu sseparaw minn xulxin bonarjament jew b'sentenza tal-Qorti, u (iv) separazzjoni li tiġi konvertita f'divorzju. Għalhekk, fil-każ odjern, jekk xejn l-attur kellu jagħżel wieħed minn dawn ir-rimedji u jimxi ma' dak li tistipula l-liġi nostrana.*

*Fi kwalunkwe każ, u mill-atti ppreżentati, jidher ċar illi l-intiża tal-attur kienet dejjem illi jottjeni s-separazzjoni personali minn martu ġialadarba huwa ppreżenta ittra indirizzata lir-Reġistratur fejn speċifikament talab li jiġi awtorizzat jipproċedi għas-separazzjoni personali u dana abbażi tar-Regolament 4 tal-Liġi Sussidjarja 12.20. Barra minn hekk, il-Liġi Sussidjarja 12.20 tagħmilha ċara f'Regolament 4 illi kieku persuna tkun*

[13] Deċiża minn din il-Qorti fis-6 ta' Lulju 2022 (Rik. Ġur. Nru. 39/2021AL).

*trid tipproċedi b'kawża għall-ħall taż-żwieġ, hija għandha qabel xejn tippreżenta rikors u mhux ittra, fejn jindika l-vertenza u jitlob in-nomina ta' medjatur tal-familja. F'dan ir-rigward ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet AB vs CDB, deċiża minn din il-Qorti iżda diversament preseduta nhar is-27 ta' April 2017 (Rikors Numru 11/2015 RGM). Għalhekk, huwa ampjament ċar illi kieku stess, it-talba tal-attur fir-rigward tad-divorzju hija xorta waħda monka stante li huwa ma segwiex il-proċedura kontemplata fil-liġi nostrana."*

F'din il-kawża wkoll, l-attriċi tagħżel illi b'ittra intavolata fl-1 ta' Ġunju 2023[14] tiftaħ proċeduri ta' medjazzjoni. Kif spjegat hawn fuq u kif tgħid il-Liġi Sussidjarja 12.20 f'Regolament 4, kieku persuna tkun trid tipproċedi b'kawża għall-ħall taż-żwieġ, hija għandha qabel xejn tippreżenta rikors u mhux ittra. Il-proċedura segwita hawnhekk allura kienet mill-bidu dik ta' separazzjoni u fil-fatt wara li l-medjazzjoni ma rnexxietx, l-attriċi fetħet kawża. Ma setgħetx l-attriċi hawn tiddeċiedi illi titfa' ż-żewġ talbiet f'rikors wieħed, iżda kellha *se mai* titlob qabel il-pronunzjament tas-sentenza li l-kawża tiġi konvertita f'kawża għal divorzju skont l-Artikolu 66F tal-Kap 16. L-azzjoni ta' ħall ta' żwieġ hija għalhekk monka, kif hija monka skont l-Artikolu 66G u 66H liem artikoli jeżiġu li r-rikors li permezz tiegħu jinbdew il-proċeduri ta' divorzju għandu, fejn il-miżżewġin ma jkunux separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti, ikun akkumpanjat b'nota li fiha l-avukat jikkonferma li huwa osserva l-ħtiġiet tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 66G, li hawnhekk ukoll ma saritx.

Għaldaqstant il-Qorti hawn tikkonkludi li hemm lok għal separazzjoni personali u mhux għall-ħall taż-żwieġ u tali firda huwa ħati tagħha l-konvenut minħabba l-adulterju tiegħu.

### 5. Manteniment għall-attriċi

L-attriċi titlob lill-Qorti tiffissa manteniment għaliha skont il-bżonnijiet tagħha, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja.

[14] Kopja a fol. 8.

Minkejja t-talba tagħha fir-rikors promotur, l-attriċi ma tippreżenta l-ebda provi dwar il-bżonnijiet tagħha u l-introjtu li għandha. Madanakollu, minn xhieda tal-*Jobs Plus*[15] jirriżulta li l-attriċi dejjem ħadmet u l-Qorti ma għandha l-ebda dikjarazzjoni jew prova li hija ma tistax taħdem u ssostni lilha nfisha. Il-partijiet ilhom separati *de facto* 'l fuq minn ħamsa u għoxrin sena u l-Qorti ma tħoss li f'dan il-punt għandha għalhekk, mingħajr ma l-attriċi preżentat ebda provi ta' bżonn minn naħa tagħha, tordna lill-konvenut iħallasha manteniment.

**6. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafenali**

Il-Qorti tirrileva illi l-partijiet iżżewġu ġewwa l-Eġittu fl-14 ta' Jannar 1995, iżda iż-żwieġ ġie reġistrat fid-9 ta' Frar 1995 hawn Malta u l-partijiet ġew jgħixu Malta. Għaldaqstant u *ai termini* tal-Artikolu 1316 subinċiz 2 tal-Kap 16, bejn il-partijiet kien jadopera r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti fir-rigward ta' dawk il-beni li huma akkwistaw wara l-wasla tagħhom f'Malta li kien fil-prattika mill-bidu taż-żwieġ tagħhom.

Fid-dawl ta' dan, il-Qorti hija tal-fehma li d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet hija d-data meta rreġistraw iż-żwieġ tagħhom, hekk kif huma rritornaw Malta u ċioé fid-9 ta' Frar 1995.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

L-attriċi tixhed li l-partijiet ma għandhomx assi bejniethom, mobbli jew immobli, iżda tħarrek lil Banek lokali li mix-xhieda ta' rappreżentanti tagħhom[16] jirriżultaw is-segwenti kontijiet fuq isem l-attriċi:

[15] Seduta tal-15 ta' Frar 2024 a fol. 93
[16] Seduta tat-23 ta' Novembru 2023 a fol. 53.

i. Kont tat-tip Savings mal-Bank BOV bin-numru 40011046903 li nfetaħ f'Novembru 2001 u għadu attiv;
ii. Kont tat-tip Savings mal-Bank BOV bin-numru 40018016596 li nfetaħ f'Marzu 2009 u għadu attiv;

Il-Qorti tara illi fiċ-ċirkostanzi, kull parti għandha żżomm il-kontijiet li għandha ntestati fuq isimha inkluż l-bilanċ ta' flus li jinsabu fih.

Illi fl-eventwalità li jirriżulta li hemm assi parafernali u/jew dotali, dawn għandhom jiġu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu. Illi din il-Qorti tordna wkoll illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi kull waħda mill-partijiet tista' talvolta tkun assumiet, għandu jkun responsabbiltà esklussiva ta' dik il-parti li tkun assumietu.

7. **Dwar Kunjom l-Attriċi:**

L-attriċi titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha '*C'*. Il-Qorti tilqa' din it-talba *ai termini* tal-Artikolu 62(1) tal-Kap 16.

**DEĊIDE**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi *stante* li ż-żwieġ tal-partijiet tkisser irrimedjabilment u dan bi ħtija tal-konvenut minħabba adulterju u tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;

2. Tiċħad it-tieni u t-tielet talba għar-raġunijiet provduti f'taqsima ħamsa (5) ta' din is-sentenza u *ċioé* t-taqsima intitolata ***Manteniment għall-attriċi***;

3. Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt li jitlob manteniment mingħand l-attriċi;

4. Tilqa' l-ħames talba u tapplika kontra l-konvenut l-effetti *in toto* tal-artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 *stante* li l-konvenut instab ħati għat-tkissir taż-żwieġ minħabba adulterju;

5. Tilqa' s-sitt, is-seba' u t-tmien talba skond dak provdut fis-sitt (6) taqsima ta' din is-sentenza u *ċioé* t-taqsima intitolata ***It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafenali***

6. Tilqa' d-disa' talba u tawtorizza lill-attriċi tirreverti għal kunjom xbubitha u *ċioé* '*C'*;

7. Tiċħad l-għaxar talba stante li ma hemmx il-bżonn li jiġi ppublikat Att Pubbliku;

**8.** Tiċħad il-ħdax u t-tnax il-talba għar-raġunijiet mogħtija fir-raba (4) taqsima ta' din is-sentenza u *ċioé* t-taqsima intitolata ***Is-Separazzjoni Personali u/jew il-Ħall taż-żwieġ;***

**9.** Tilqa' t-tlettax-il talba u tawtorizza lill-attriċi sabiex tirreġistra s-sentenza fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut.